GVERN TA' MALTA
MINISTERU GĦALL-AGRIKOLTURA,
IS-SAJD U D-DRITTIJIET TAL-ANNIMALI
DIRETTORAT GĦAS-SERVIZZI VETERINARJI

# Informazzjoni dwar Tariffi relatati mal-Awtorizzazzjoni/Reġistrazzjoni ta' Prodotti mediċinali veterinarji, Spiżeriji veterinarji, Distributuri bl-ingrossa u Manifatturi

## 1. Prodotti mediċinali veterinarji u attivitajiet li huma soġġetti għal tariffa

Tabella 1: Tipi ta' applikazzjoni u kodiċi

| Rotta ta 'awtorizzazzjoni | Kodiċi |
|---|---|
| Awtorizzazzjoni skont l-Artikolu 5 (6) tar-Regolament (UE) 2019/6 | ART 5 |
| Reġistrazzjoni skont l-Artikolu 116 tar-Regolament (UE) 2019/6 | ART 116 |
| Notifika ta' prodott awtorizzat ċentralment | NOT |
| Awtorizzazzjoni nazzjonali għat-tqegħid fis-suq | NAT |
| L-istadju finali ta' Proċedura deċentralizzata/reċiprokament rikonoxxuta | FINAL |
| Ċertifikati tal-freesale | FREESALE |
| Awtorizzazzjoni ta' Proċedura ta' rikonoxximent sussegwenti' | SUB |
| Awtorizzazzjoni għall-Kummerċ parallel | PAR |
| Reġistrazzjoni omeopatika | HOM |
| Awtorizzazzjoni tal-kaskata | CAS |
| Awtorizzazzjoni għar-riċerka u l-iżvilupp | REASEARCH |
| Awtorizzazzjoni għad-distribuzzjoni bl-ingrossa | DIST [isem il-bejjiegħ bl-ingrossa] |
| Liċenzja ta' spiżerija veterinarja | PHARM [isem l-ispiżerija vet] |
| Awtorizzazzjoni tal-importazzjoni tal-Manifattura veterinarja | MANU [isem il-manifattur] |
| Ċertifikat ta' Manifattura tajba (GMP certificate) | GMP [isem il-manifattur] |

## 2. Metodi ta' ħlas

Il-pagamenti jistgħu jsiru permezz ta' trasferiment bankarju jew permezz ta' ċekk bankarju kif deskritt hawn taħt.

2.1 Ħlas permezz ta' trasferiment bankarju

Dan huwa l-metodu preferut. L-applikanti għandhom jindikaw fuq il-Bank Transfer Transaction Statement ma' liema prodott għandu x' jaqsam il-pagament affettwat. Dan għandu jinkludi t-tip ta' awtorizzazzjoni skont il-kodiċi ta'Tabella 1. L-isem/ismijiet tal-prodott/i, il-forma farmaċewtika u l-qawwa tiegħu/tagħhom.

Tabella 2: dettalji tal-kont bankarju fejn jistgħu jsiru trasferimenti bankarji

| Benefiċjarju | Direttorat għas-Servizzi Veterinarji |
|---|---|
| Numru tal-VAT tal-benefiċjarju | MT22004702 |
| Isem il-bank | Bank Ċentrali ta’ Malta |
| Indirizz tal-bank | Pjazza Kastilja, Il-Belt Valletta, Malta |
| Isem tad-Detentur tal-Kont: | Kaxxier Gvern ta' Malta |
| Kodiċi tal-Bank | 01100 |
| Kodiċi postali tal-Bank | VLT1060 |
| Numru tal-kont | MT55MALT011000040001EURCMG5001H |
| Kodiċi SWIFT/BIC | MALTMMT |

Id-dikjarazzjoni tat-trasferiment bankarju għandha tinżamm mill-applikant u tiġi pprovduta lit-Taqsima tal-Mediċini veterinarji bħala prova tal-ħlas bħala parti mid-dokumenti ta’ sostenn għal applikazzjoni.

2.2 Ħlas permezz ta’ ċekk

Huma biss iċ-ċekkijiet lokali li jiġu aċċettati.

Iċ-ċekkijiet għandhom jitħallsu lis- Segretarju Permanenti, Ministeru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali.

Iċ-ċekkijiet jistgħu jintbagħtu bil-posta jew jingħataw lil:

Taqsima tal-Mediċini Veterinarji,
15, Regent Buildings, Sular 2, Triq Anton Cassar (qabel triq it-Tiġrija). Il-Marsa, MRS 2996

Mal-ħlas b’ ċekk tinħareġ irċevuta. Din l-irċevuta għandha tinżamm mill-applikant u tingħata lit-Taqsima tal-Mediċini veterinarji bħala prova tal-ħlas. Il-prova tal-ħlas hija parti mid-dokumenti ta’ sostenn għal applikazzjoni.

Għandha tinhemeż nota ta’ kopertura mal-irċevuta li tiddikjara ma’ liema prodott/I għandu x’ jaqsam il-pagament permezz ta’ ċekk. Dan għandu jinkludi t-tip ta ’awtorizzazzjoni skont il-kodiċi fit-Tabella 1, l-isem/I tal-prodott/i, il-form farmaċewtika u l-qawwa tiegħu/tagħhom.

Idealment, għandu jingħata wkoll in-numru ta' referenza tal-formola tal-applikazzjoni online.

**3. Kundizzjonijiet tal-ħlas**

- It-tariffi jintalbu skont l-iskeda tal-Avviż legali 336 tal-2024 (L.S 35.38, Ordinanza dwar id-Drittijiet – Regolamenti tal-2024 dwar Prodotti Mediċinali Veterinarji u Spiżeriji Veterinarja fis-seħħ mill-10/02/2025;
- L-applikanti huma responsabbli biex jagħmlu l-ħlas korrett skont il-leġiżlazzjoni msemmija hawn fuq u d-direzzjonijiet f'din in-nota ta' gwida;
- Tris titħallas tariffa separata għal kull saħħa tal-istess prodott;
- Trid titħallas tariffa separata għall-forom ta' dożaġġ tal-istess prodott b' volumi varjabbli tal-istess qawwa u bi speċi fil-mira differenti;
- L-istess tariffa tista' tintuża biex tkopri forom ta' dożaġġ ta' l-istess prodott b'volumi varjabbli ta' l-istess qawwa u bl-istess speċi fil-mira;
- Kekk mistoqsija minn Taqsima tal-Mediċini veterinarji ma tkunx imwieġba fi żmien 6 xhur, l-applikazzjoni tiġi kkunsidrata bħala rtirata. Dan japplika wkoll fil-każ ta' applikazzjoni għal spiżeriji veterinarji u distributuri bl-ingrossa ta' prodotti mediċinali veterinarji;
- Il-pagamenti għat-tiġdid għandhom isiru mhux inqas minn 60 jum tax-xogħol qabel ma tiskadi l- awtorizzazzjoni/reġistrazzjoni/liċenzja, iżda mhux aktar minn sitt xhur qabel ma tiskadi;
- Għal kull mistoqsija dawk interessati jistgħu jikkuntattjaw lit-Taqsima tal-Mediċini veterinarji - veterinarymedicine@gov.mt.